31996R0216

L 28/11 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 6.2.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 216/96
tal-5 ta' Frar 1996
li jistipula r-regoli tal-proċedura tal-Bordijiet ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju ta' l-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (*Trade Marks* u Disinji)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar it-*trade mark* fil-Komunità [1], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3288/94 [2], u partikolarment l-Artikolu 140 (3) tiegħu,

Billi r-Regolament (KE) Nru 40/94 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament") joħloq sistema ġdida ta' *trade marks* li jkollha effett fi ħdan il-Komunità kollha li għandha tinkiseb fuq il-bażi ta' applikazzjoni lill-Uffiċċju ta' l-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) ("l-Uffiċċju");

Billi għal dan il-għan ir-Regolament fih partikolarment id-disposizzjonijiet meħtieġa għall-proċedura li twassal għar-reġistrazzjoni ta' *trade marks* tal-Komunità, kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-*trade marks* fil-Komunità, għall-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' l-Uffiċċju u għall-proċeduri legali li għandhom x'jaqsmu mar-revoka jew l-invalidità ta' *trade mark* fil-Komunità;

Billi skond l-Artikolu 130 tar-Regolament, il-Bordijiet ta' l-Appell għandhom ikunu responsabbli li jiddeċiedu l-appelli mid-deċiżjonijiet ta' l-eżaminaturi, it-Taqsimiet ta' Oppożizzjoni, l-Amministrazzjoni tat-*Trade Marks* u t-Taqsima Legali u t-Taqsimiet tal-Kanċellazzjoni;

Billi fit-Titolu VII tar-Regolament jinsabu l-prinċipji bażiċi rigward l-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' l-eżaminaturi, it-Taqsimiet ta' Oppożizzjoni, l-Amministrazzjoni tat-*Trade Marks* u t-Taqsima Legali u t-Taqsimiet tal-Kanċellazzjoni;

Billi fit-Titolu X tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 tat-13 ta' Diċembru 1995 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 dwar it-*trade marks* fil-Komunità [3] jinsabu r-regoli ta' l-implimentazzjoni għat-Titolu VII tar-Regolament;

Billi dan ir-Regolament jissupplimenta dawn ir-regoli l-oħra, partikolarment rigward l-organizzazzjoni tal-Bordijiet u l-proċedura orali;

Billi qabel il-bidu ta' kull sena tax-xogħol għandha tiġi stabbilita skema għat-tqassim tax-xogħol bejn il-Bordijiet ta' l-Appell minn Awtorità stabbilita għal dan il-għan; billi għal dan il-għan l-Awtorità msemmija għandha tapplika kriterji oġġettivi bħalma huma klassijiet ta' prodotti u ta' servizzi jew ta' ittri inizjali tal-ismijiet ta' l-applikanti;

Billi sabiex it-trattament u t-tmexxija ta' l-appelli jiġi faċilitat, għandu jiġi nominat *rapporteur* għal kull każ, li għandu jkun responsabbli fost ħwejjeġ oħra għat-tħejjija tal-komunikazzjonijiet mal-partijiet u d-draftjar tad-deċiżjonijiet;

Billi l-partijet fil-proċedura legali quddiem il-Bordijiet ta' l-Appell jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni jew jistgħu ma jkunux disposti li jressqu kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali dwar każ pendenti għall-attenzjoni tal-Bordijiet ta' l-Appell; billi, għalhekk, il-Bordijiet ta' l-Appell għandu jkollhom il-poter, bil-mozzjoni tagħhom stess jew bi qbil ma' talba mill-President, illi jistiednu lill-President ta' l-Uffiċċju, sabiex jissottometti kummenti fuq kwistjonijiet ta' interess ġenerali li jkollom x'jaqsmu mal-każ pendenti quddiem il-Bordijiet ta' l-Appell;

Billi l-miżuri previsti f'dan il-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 141 tar-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Tqassim tad-dmirijiet u l-Awtorità kompetenti għat-tqassim

1. Qabel il-bidu ta' kull sena tax-xogħol, id-dmirijiet għandhom jiġu mqassma bejn il-Bordijiet ta' l-Appell skond kriterji oġġettivi, u għandhom jiġu nominati l-membri ta' kull wieħed mill-Bordijiet u l-alternattivi tagħhom. Kull membru ta' Bord ta' l-Appell jista' jiġi nominat għal numru ta' Bordijiet ta' l-Appell bħala membru jew bħala alternant. Dawn il-miżuri jistgħu, fejn meħtieġ, jiġu emendati matul is-sena tax-xogħol imsemmija.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jittieħdu minn Awtorità komposta mill-President ta' l-Uffiċċju bħala President, il-viċi-President ta' l-Uffiċċju responsabbli mill-Bordijiet ta' l-Appell, il-Presidenti tal-Bordijiet ta' l-Appell u tliet membri oħra mill-Bordijiet ta' l-Appell eletti mill-membri kollha ta' dawn il-Bordijiet, għajr il-President, għas-sena tax-xogħol imsemmija. L-Awtorità tista' biss tiddelibera validament jekk mill-inqas ħamsa mill-membri tagħha jkunu preżenti, inklużi l-President jew il-viċi-President ta' l-Uffiċċju u żewġ Presidenti tal-Bordijiet ta' l-Appell. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu bil-vot tal-maġġoranza. Fil-każ li jiġu indaqs, il-vot tal-President għandu jkun deċiżiv. L-Awtorità tista' tippreskrivi r-regoli interni tagħha ta' proċedura.

[1] ĠU L 11, ta' l-14.1.1994, p. 1.
[2] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 83.
[3] ĠU L 303, tal-15.12.1995, p. 1.

3. L-Awtorità msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddeċiedi konflitti rigward it-tqassim tad-dmirijiet fost il-Bordijiet differenti ta' l-Appell.

4. Sakemm jiġu stabbiliti iktar minn tliet Bordijiet ta' l-Appell, l-Awtorità riferita fil-paragrafu 2 għandha tikkonsisti mill-President ta' l-Uffiċċju, li għandu jaġixxi ta' President, il-viċi-President ta' l-Uffiċċju responsabbli mill-Bordijiet ta' l-Appell, il-President jew Presidenti tal-Bordijiet ta' l-Appell li jkunu diġa mwaqqfa u membru ieħor mill-Bordijiet ta' l-Appell elett mill-membri kollha tagħhom, għajr il-President jew Presidenti, għassena tax-xogħol imsemmija. L-Awtorità tista' tiddelibera validament biss jekk mill-inqas tlieta mill-membri tagħha jkunu preżenti, inklużi l-President jew il-viċi-President ta' l-Uffiċċju.

Artikolu 2

Bdil fil-post tal-membri

1. Ir-raġunijiet għad-dħul ta' l-alternanti fil-post għandhom partikolament jinkludu btala, mard, impenji li ma jistgħux jeħilsu minnhom u raġunijiet għall-esklużjoni imniżżla fl-Artikolu 132 tar-Regolament.

2. Kull membru li jitlob li jidħol minfloku alternant għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-President ta' Bord ikkonċernat li mhux ser ikun disponibbli.

Artikolu 3

Esklużjoni u oġġezzjoni

1. Jekk Bord ikollu tagħrif ta' raġuni possibbli għall-esklużjoni jew l-oġġezzjoni skond l-Artikolu 132(3) tar-Regolament li ma tkunx ġejja mill-membru stess jew minn xi parti mdaħħla fil-proċeduri legali, għandha tapplika l-proċedura ta' l-Artikolu 132(4) tar-Regolament.

2. Il-membru interessat għandu jiġi mistieden li jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar jekk hemmx raġuni għall-esklużjoni jew l-oġġezzjoni.

3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar l-azzjoni li għandha tittieħed b'mod konformi ma' l-Artikolu 132(4) tar-Regolament, ma għandux ikun hemm iktar proċeduri legali dwar il-każ.

Artikolu 4

Rapporteurs

1. Għal kull appell, il-President ta' kull Bord għandu jinnomina membru tal-Bord, jew lilu nnifsu, bħala *rapporteur*.

2. Ir-*rapporteur* għandu jwettaq studju preliminari dwar l-appell. Jista' jħejji komunikazzjonijiet għall-partijiet bla ħsara għall-istruzzjonijiet tal-President tal-Bord. Il-komunikazzjonijiet għandhom ikunu ffirmati mir-*rapporteur* f'isem il-Bord.

3. Ir-*rapporteur* għandu jħejji l-laqgħat interni tal-Bord u l-proċeduri orali.

4. Ir-*rapporteur* għandu jabbozza d-deċiżjonijiet.

Artikolu 5

Uffiċċji tar-Reġistrazzjoni

1. Għandhom jiġu stabbiliti uffiċċji tar-reġistrazzjoni għall-Bordijiet ta' l-Appell. Ir-Reġistraturi għandhom ikunu responsabbli mit-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-Uffiċċji tar-Reġistrazzjoni.

Wieħed mir-Reġistraturi jista' jiġi nominat Reġistratur Anzjan.2.

L-Awtorità prevista fl-Artikolu 1(2) tista' tafda f'idejn ir-Registraturi l-qadi tal-funzjonijiet li ma jinvolvux diffikultajiet legali jew tekniċi, partikolarment rigward il-preżentazzjoni, is-sottomissjoni ta' traduzzjonijiet, l-ispezzjoni tal-fajlijiet u l-avviżi.

3. Ir-Reġistratur għandu jissotometti lill-President tal-Bord interessat rapport dwar l-ammissibbilità ta' kull appell ġdid iffajljat.

4. Il-minuti tal-proċeduri orali u s-smigħ tax-xhieda għandhom jiġu miktuba mir-Reġistratur jew, jekk il-President jaqbel, minn kull uffiċjal ieħor ta' l-Uffiċċju li l-President tal-Bord jista' jinnomina.

Artikolu 6

Bdil fil-kompożizzjoni ta' Bord

1. Jekk il-kompożizzjoni ta' Bord tinbidel wara l-proċeduri orali, il-partijiet fil-proċeduri legali għandhom jiġu mgħarrfa illi, fuq it-talba ta' xi wieħed mill-partijiet, għandhom isiru mill-ġdid il-proċeduri orali quddiem il-Bord fil-kompożizzjoni ġdida tiegħu. Proċeduri orali ġodda għandhom ukoll isiru jekk ħekk mitluba mill-membru l-ġdid u jekk il-membri tal-Bord jkunu taw il-kunsens tagħhom.

2. Il-membru l-ġdid għandu jkun marbut daqs il-membri l-oħra mid-deċiżjoni *interim* li tkun diġà ttieħdet.

3. Jekk, meta l-Bord ikun diġà wasal għal deċiżjoni finali, membru ma jkunx jista' jaġixxi, postu ma għandux jittieħed minn alternant. Jekk il-President ma jkunx kapaċi jaġixxi, allura l-membru tal-Bord interessat bl-itwal servizz fuq il-Bord, jew fejn il-membri jkollhom l-istess tul ta' servizz, il-membru l-iktar anzjan fl-età, għandu jiffirma d-deċiżjoni f'isem iċ-*President* tal-Bord.

Artikolu 7

Proċeduri ta' appelli konġunti

1. Jekk numru ta' appelli jiġu fajljati kontra deċiżjoni, dawn l-appelli għandhom jitqiesu fl-istess proċeduri legali.

2. Jekk l-appelli jiġu fajljati kontra deċiżjonijiet separati u l-appelli kollha jiġu desinjati li jiġu eżaminati minn Bord wieħed li jkollu l-istess kompożizzjoni, dan il-Bord jista' jittratta dawn l-appelli fi proċeduri legali konġunti bil-kunsens tal-partijiet.

Artikolu 8

Rinviju lid-dipartiment ta' l-ewwel istanza

Jekk il-proċeduri legali tad-dipartiment ta' l-ewwel istanza li d-deċiżjoni tiegħu hija soġġetta għal appell jiġu vizzjati b'defiċenzi fundamentali, il-Bord m'għandux jagħti każ tad-deċiżjoni u, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm raġunijiet li jagħmel hekk, jitfa' l-każ lura lil din l-istanza jew jiddeċiedi l-materja huwa nnifsu.

Artikolu 9

Proċeduri orali

1. Jekk ser isiru proċedimenti orali, il-Bord għandu jiżgura illi l-partijiet ikunu ressqu t-tagħrif u d-dokumenti kollha rilevanti qabel is-smigħ.

2. Huwa u joħroġ is-sejħa biex jattendu proċeduri orali, il-Bord jista' jżid komunikazzjoni li tiġbed l-attenzjoni għall-materji li jistgħu jidhru ta' sinifikat speċjali, jew għall-fatt illi ċerti kwistjonijiet ma jidhrux li għandhom għalfejn jiġu kontestati iktar, jew li fihom osservazzjonijiet oħra illi jistgħu jgħinu l-konċentrazzjoni fuq dak li huwa l-essenzjali matul il-proċedimenti orali.

3. Il-Bord għandu jiżgura illi l-każ ikun lest għal deċiżjoni ma' l-għeluq tal-proċedimenti orali, għajr jekk ikun hemm raġunijiet speċjali għall-kuntrarju.

Artikolu 10

Komunikazzjonijiet lill-partijiet

Jekk il-Bord iqis li jkun jeħtieġ li jikkomunika mal-partijiet dwar il-possibbiltà li jiġu diskussi materji ta' sustanza jew legali, din il-komunikazzjoni għandha ssir b'tali mod illi ma tinftiehemx illi l-Bord huwa marbut biha b'xi mod.

Artikolu 11

Kummenti dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali

Il-Bord jista', fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu jew fuq talba bil-miktub u raġunata mill-President ta' l-Uffiċċju, jistiednu sabiex jikkumenta bil-miktub jew bil-fomm dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali li joħorġu matul il-kors tal-proċeduri legali pendenti quddiemu. Il-partijiet għandhom ikunu intitolati illi jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-kummenti tal-President.

Artikolu 12

Deliberazzjonijiet qabel id-deċiżjonijiet

Ir-*rapporteur* għandu jissottometti lill-membri l-oħra tal-Bord abbozz tad-deċiżjoni li trid tittieħed u għandu jistabbilixxi limitu taż-żmien għal oppożizzjoni għaliha jew jitlob bidliet. Jekk il-membri ta' Bord jidhru li mhumiex ilkoll ta' l-istess opinjoni, il-Bord għandu jitlaqqa' biex jiddelibera dwar id-deċiżjoni li trid tittieħed. Il-membri tal-Bord biss għandhom jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet; il-President tal-Bord interessat jista', madankollu, jawtorizza lil uffiċjali oħra bħar-reġistraturi jew l-interpreti, li jattendu. Id-deliberazzjonijiet għandhom ikunu sigrieti.

Artikolu 13

Ordni tal-votazzjoni

1. Matul id-deliberazzjonijiet bejn il-membri tal-Bord, l-opinjoni tar-*rapporteur* għandha tinstema' l-ewwel u, jekk ir-*rapporteur* mhuwiex il-President, il-President fl-aħħar.

2. Jekk tkun meħtieġa votazzjoni, il-voti għandhom jittieħdu fl-istess sekwenza, għajr illi jekk il-President huwa wkoll ir-*rapporteur*, huwa għandu jivvota l-aħħar. Mhumiex permessi astensjonijiet.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Frar 1996.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni